MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 1997

Citazzjoni Numru. 187/1997/1

Saviour sive Sammy Attard .

vs

Teddy Xerri .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Illi skond skrittura privata datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru, elf disa' mija erbgha u disghin (1994), liema ftehim gie mgedded diversi drabi u l-ahhar darba fid-disgha (9) ta' Novembru elf disa' mija tmienja u disghin (1998), l-attur silef lill-konvenut is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,00) ;

Illi l-konvenut xtara minghand l-attur diversi ghodda illi jiswew hamsa u sittin lira Maltin (Lm65) u taghhom il-konvenut ghadu ma hallasx lill-attur;

Illi l-konvenut hallas lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira (Lm300) Maltin bhala bilanc tal-hlas dovut lilu ;

Illi ghalhekk il-bilanc dovut mill-konvenut lill-attur huwa ta' elf seba' mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm1,765) oltre' l-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mislufa li ghadhom ma thallsux ;

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat mill-attur b'ittra ufficjali fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru elf disa' mija disgha u disghin (1999) sabiex ihallas is-somma dovuta minnu huwa baqa' inadempjenti ;

Illi dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u sa fejn jaf l-attur il-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jaghti ghat-talba kontenuta f'din ic-citazzjoni ;
Illi ghaldaqstant l-attur qed jipprocedi ghal din il-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u qed jitlob ai termini ta' l-Artikolu 167 illi din l-Onorabli Qorti joghgobha tghaddi ghad-decizjoni ta' din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront ta' l-attur fl-ammont ta' elf seba' mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm1,765) oltre l-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mislufa li ghadhom ma thallsux ;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma, bl-interessi legali fuq l-istess somma sad-data ta' l-effettiv pagament .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru elf disa' mija disgha u disghin (1999) u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa inti ingunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu mahlufa .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa :

1. Illi l-kreditu pretiz mill-attur la kien cert likwidu u dovut fi zmien li giet ipprezentata c-citazzjoni u dan kif jirrizulta minn skrittura privata li ggib id-data tad-9 ta' Novembru 1998 (Dok. A), redatta lill-partijiet mill-avukat Dottor Michael Caruana, u lanqas mhuwa cert likwidu u dovut billi l-hlas tal-flus lill-attur mill-eccipjent illum huwa regolat bi ftehim gdid li kien sar bejn l-eccipjent u s-socjeta' Debt Attorney Services Ltd, li kienet giet inkarigata mill-attur bl-inkarigu specifiku li tigborlu dawn il-flus, kif jirrizulta minn skrittura tat-13 ta' Ottubru 1999 (Dok. B), u l-eccipjent qieghed jottempera ruhu fil-pagamenti ma' dan l-ahhar ftehim (Dok. C) ;

2. Illi kien l-attur li fil-mori ta' din il-kawza rrevoka l-inkarigu li kien ta lis-socjeta' Debt Attorney Services Ltd. kif jirrizulta minn ittra datata 17 ta' Novembru, 1999 (Dok. C) ;

3. Illi l-eccipjent mhuwiex qieghed u lanqas ser jikkontesta l-ammont ta' flus li qed jitolbu l-attur nonostante l-fatt li dan l-ammont ma jirrapprezentax l-ammont reali ta' flus li kien silfu l-attur izda fis-somma pretiza hemm inkluzi imghaxijiet esagerati li r-rata taghhom teccedi bil-bosta r-rata preskritta bil-ligi ghal self privat u din l-uzura dahhlet lill-eccipjent u lill-familja tieghu fi problemi finanzjarji kbar u tbatijiet zejda tenut kont tad-dhul limitat tal-eccipjent ;

4. Illi l-eccipjent m'ghandu ibati ebda spejjez ta' din il-kawza billi l-ispejjez saru kappriccjosament u inutilment mill-attur meta ma kien hemm ebda lok fic-cirkostanzi la ssir il-kawza u lanqas li jsiru spejjez zejda;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut debitament mahlufa .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi b'din il-kawza l-attur fittex li jigbor minghand il-konvenut il-bilanc minn somma ta' flus li hu kien silfu originarjament permezz ta' skrittura privata datata l-24 ta' Novembru 1994, li giet sussegwentement imgedda diversi drabi ohra .

Madankollu b'verbal li sar fl-udjenza ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Mejju 2001 il-legali tal-kontendenti ddikjaraw illi jaqblu li s-*sorte* kien jinsab saldat u llimitaw il-vertenza ta' bejniethom ghall-hlas tal-imghax u l-kap ta' l-ispejjez (a fol. 22 tal-process) .

Rigward l-imghaxijiet fuq is-somma originarjament mislufa ma jirrizultax illi l-konvenut qatt ghamel xi pagament f'dan ir-rigward . Kien hemm okkazjonijiet fejn permezz ta' skrittura li kienet iggedded il-ftehim dwar il-modalitajiet tal-pagament dovut lill-attur, dan kien jikkoncedilu li jahfer xi parti mill-interessi dovuti jekk il-pagament isir fiz-zmien stipulat (ara 'Dok. A' a fol. 12) . Evidentement pero' l-konvenut rari kien josserva t-termini ghall-pagament kif miftiehem u allura kwalunkwe koncessjoni dwar rinunzja ta' interessi zgur li mhix applikabbli . Jirrizulta ghalhekk illi m'hemm ebda raguni ghaliex il-konvenut jista' jehles mill-obbligazzjoni li jhallas l-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mislufa *a scaletta*, u cioe' mehud in konsiderazzjoni kwalunkwe pagamenti li kienu jsiru minn zmien ghall-iehor .

Rigward il-kap ta' l-ispejjez, irrizulta illi tliet gimghat biss qabel ma giet intavolata l-kawza prezenti, il-konvenut kien

lahaq ftehim mad-ditta “Debt Attorney Services” inkarigata ghal dan il-ghan mill-attur stess, fejn fit-13 ta’ Ottubru 1999 thallset is-somma ta’ tliet mitt lira matija (Lm300) akkont tal-pagament li kien ghadu dovut, u l-bilanc kellu jithallas permezz ta’ pagamenti mensili kull 13 tax-xahar (‘Dok. B’ a fol. 13) . Din il-kawza mbaghad giet intavolata fit-8 ta’ Novembru 1999, meta skond dan il-ftehim il-konvenut kellu jhallas il-pagament li kien imiss fit-13 ta’ Novembru 1999 . Zgur ghalhekk illi l-konvenut lanqas biss inghata l-opportunita’ jonora dan il-ftehim ahhari, kif fil-fatt jidher li ghamel (‘Dok. C’ a fol. 14), ghalkemm b’dewmien ta’ tliet ijiem . Jirrizulta minghajr dubbju ghalhekk illi din il-kawza saret intempestivament .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar il-pendenzi li ghad baqa’ bejn il-kontendenti billi tordna illi l-konvenut ghandu jhallas l-imghaxijiet li ghadhom dovuti fuq is-somma originarjament mislufa ta’ elfejn lira maltija (Lm2000), bir-rata ta’ tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.), tenut kont tal-pagamenti kollha li saru akkont, b’effett mid-data ta’ l-iskrittura tal-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Novembru 1994 sad-data tal-pagament effettiv .

L-ispejjez fic-cirkostanzi tal-kaz, fejn il-kawza giet intavolata intempestivament u l-konvenut ma kellu ebda ragun joggezzjona ghall-hlas tal-imghaxijet dovuti, ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti .

S18799Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------